**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta' Lulju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolia Sant)**

**Vs**

**MARIA CONCEPCION GIMENO CANUTO**
**SARA DANIELA SANCHES TAYLOR**
**BEATRIZ RUEDA LEAL**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Maria Concepcion Gimeno Canuto,** detentrici tal-karta tal-identita Spanjola bin-numru 23947156Q **u Sara Daniela Sanchez Taylor,** detentrici tal-passaport Ingliz bin-numru 548141051 u **Beatriz Rueda Leal,** detentrici tal-passaport Spanjol bin-numru PAG811326**;** fejn gew akkuzati talli nhar il-21 ta' Lulju 2018 ghall-habta tal-05:00hrs f'San Giljan u fil-vicinanzi:

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mathilde Lisa Anne Alicia Dina Delume Lesca I.D.No:- 0139637A (Art. 216 Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta);

2. Talli fi glieda accidental, hadu parti attiva meta wettqu griehi ta’ natura gravi fuq il-persuni ta’ Mathilde Lisa Anne Alicia Dina Delume Lesca I.D.No:- 0139637A (Art. 237 (c) Kap 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta);

3. Talli qajjmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu offiza fuq il-persuni ta’ Mathilde Lisa Anne Alicia Dina Delume Lesca I.D.No:- 0139637A (Art. 238 (b) Kap 9 ta’ Ligijiet ta’ Malta);

4. U aktar talli volontarjament kisru il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied. (Art. 338 dd Kap. 9 Ligijiet ta’ Malta);

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati ghall-ewwel (1) u r-raba (4) imputazzjonijiet, anki wara li inghataw iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidraw tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena u/jew sanzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta’ din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x’jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, l-Qorti m’ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni taghhom fuq l-imputazzjonijiet numri (1) u (4).
Ghall-finijiet tal-piena u/jew sanzjoni, l-Qorti qed tikkonsidra fuq kollox l-ammissjoni bikrija tal-imputati, kif ukoll il-fedina penali nettissima taghhom, esebiti in atti. Naturalment il-Qorti mhux qed tinsa in-natura serja tal-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Il-Qorti, in linea mal-ammissjoni tal-imputati, necessarjament trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet stante li dawn inghataw bhala imputazzjonijiet alternattivi ghall-ewwel (1) imputazzjoni. Dan hu wkoll rifless fid-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni kif maghmula fil-verbal tas-seduta tal-lum stess.

**Decide**.

**GHAL-MOTTIVI PREMESSI IL-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31,216 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet ghar-ragunijiet ga msemmija**,** issib lill-imputati fuq ammissjoni taghhom stess, hatja tal-ewwel (1) u r-raba (4) imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghhom u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess imputati bil-kondizzjoni li ma jaghmlux ebda reat matul il-perjodu ta` tlett (3) snin mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Finalment, peress illi jidhrilha li huwa xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Mathilde Lisa Anne Alicia Dina Delume Lesca, l-Qorti qed torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta` elf Euro (€1,000) kull wahda, ghal zmien tnax-il xahar mill-llum, u dana ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem car u li jinftiehem ir-responsabbiltajiet taghhom naxxenti minn din is-sanzjoni.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur